MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 11(2009), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tlieta, it-3 ta' Novembru 2009, fil-5.30 p.m.

1. **Preżenti** :

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Stephen Caruana |
| **Viċi-Sindku** | Edric Micallef |
| **Kunsilliera** | Remigio Cassar |
| | William Pomroy |
| **Segretarju Eżekuttiv** | John Restall |

**Mhux preżenti** :

| | |
|---|---|
| **Kunsillier** | Steven Grech – assenti |

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *"Arising"* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku
5. *Reminder* mill-Enemalta biex il-Kunsill jissottometti pjanti għall-Bini ta' Uffiċċju Amministrattiv
6. *Tenders* tat-Tindif tat-Toroq Urbani u Mhux Urbani
7. Emendi introdotti fl-Att Nru XVI tal-2009 – Bidu fis-Seħħ tal-Emendi (Att dwar il-Kunsilli Lokali)
8. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
9. Affarjiet Oħra

## 2. Qari tal-Minuti

**2.1** Nqraw il-Minuti tal-laqgħa nru. 10(2009) u dawn ġew approvati.

## 3. *Arising* mill-Minuti

**3.1** Dwar Para 4.2 (rampa tat-tarmac f'Triq Melqart), il-Kunsill innota li din kienet għada ma tneħħietx.

**3.2** Dwar Para 4.3 (laqgħa mal-Onor Dr Mario de Marco fis-7 ta' Ottubru 2009), il-Viċi-Sindku, il-Kunsillier Pomroy u s-Segretarju Eżekuttiv kienu attendew din il-laqgħa. Ġew diskussi l-problemi tal-karrijiet, l-iskips tar-ristoranti li jitħallew barra, il-problemi li joħloq għas-sajjieda s-suq ta' nhar ta' Ħadd, id-DVD tal-Aphrodite Thematic Network u mappa turistika ta' Marsaxlokk. Dwar il-karrijiet, Dr de Marco

ssuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel *bye-law* simili għal dik li kien għamel dwarhom il-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan. Dwar l-iskips, is-Sur Paul Spiteri, Planning Officer MTA li kien ukoll preżenti għall-laqgħa, irrakkomanda li jibdew jinħarġu notifikazzjonijiet ta' kontravenzjoni lis-sidien tar-ristoranti li qegħdin jabbużaw. Dr de Marco ssuġġerixxa li ssir ukoll *bye-law* sabiex il-bejjiegħa tas-suq ma jarmawx fejn is-sajjieda jtellgħu l-laneċ tagħhom. U rigward il-promozzjoni tad-DVD tal-Aphrodite Thematic Network, hu rrakkomanda li l-Kunsill jara tistax tgħin il-MEUSAC jew inkella jekk kienx hemm xi fondi mid-Dipartiment dwar il-Kunsilli Lokali. Dwar il-mappa turistika, is-Sur Spiteri qal li kien ġa beda l-proċess u din il-mappa ser tinkludi kemm Marsaxlokk kif ukoll Marsaskala.

**3.3** Dwar Para 6.1 (*playground* tal-Magħluq), il-Kunsill qabel li kemm jista' jkun jerġa' juża l-bandli u ż-zurżieqa eżistenti fejn dawn kienu konformi mar-regolamenti tas-sigurta', jagħmel *safety rubber matting* ġdid madwarhom u jħawwel bordura arbuxxelli folti mad-dawra tal-*playground* minflok *railings* sabiex inqas ikun hemm periklu li t-tfal joħorġu jiġru mill-*playground* għal ġo l-*parking area.*

**3.4** Dwar Para 9.3 (żieda fit-tariffi għar-rimi ta' skart imħallat fl-Għallis), il-Viċi-Sindku staqsa kif kien ser jiġi kkwantifikat l-iskart imħallat li l-kuntrattur tal-Kunsill jiġbor mingħand stabbilimenti tal-ikel b'arranġament privat bejniethom. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li kienu għadhom għaddejjin taħdidiet dwar dan is-suġġett bejn il-WasteServ, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-GRTU u l-Kunsilli kellhom ikunu nfurmati bid-deċiżżjoni.

## 4. <u>Korrispondenza</u>

**4.1** Nqrat il-korrispondenza kollha pendenti.

**4.2** Dwar il-petizzjoni li l-Kunsill irċieva mingħand il-ġenituri tat-tfal li jattendu l-Iskola Primarja f'Marsaxlokk minħabba l-kwantita' kbira ta' ilma li tinżel minn Triq San Franġisk meta tagħmel xita qawwija, il-Kunsill qabel li ssir *crossing* f'Triq l-Imriekeb sabiex ħafna mill-ilma li jinżel mill-Housing Estate jkun jista' jinġabar fil-ġibjun ta' Ġnien il-Familja minflok li jibqa' nieżel għal Triq San Franġisk. Dan ix-xogħol ser jiġi inkluż fis-sejħa għal offerti għar-*resurfacing* ta' parti minn Triq iż-Żejtun.

**4.3** Dwar it-talba tas-Sur Joseph Vella sabiex isiru żewġt idwal fid-daħliet tal-garaxxijiet fil-Binja Ħal Ġinwi, il-Kunsill qabel li dawn ma setgħux isiru mill-fondi tiegħu peress li din kienet proprjeta' privata. Il-Kunsill qabel ukoll li dwal simili li kienu ġew installati mill-Kunsill fil-passat kellhom jitneħħew.

**4.4** Minħabba li l-pompa tal-ilma li tintuża għat-tindif tax-xatt kienet spiss qed ikollha bżonn ta' tiswijiet, il-Kunsill qabel li jaċċetta l-kwotazzjoni għal pompa ġdida mingħand M.G. Pulis bil-prezz ta' €385 (VAT inkluż).

**4.5** Il-Kunsill approva wkoll ix-xiri ta' kompjuter ġdid għas-Segretarju Eżekuttiv mingħand Digitone Computers bil-prezz ta' €475 (VAT inkluż). Il-kompjuter l-antik tas-Segretarju Eżekuttiv kellu jiġi nstallat fl-uffiċċju tas-Sindku għall-użu tiegħu.

**4.6** Dwar l-applikazzjoni għal permess għal bini fil-kantuniera ta' Triq iż-Żejtun ma' Triq Barthelemy (PA 04157/09), il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jinforma lill-Perit Zerafa Boffa tal-Ministeru għar-Riżorsi u Affarjiet Rurali b'din l-applikazzjoni peress li l-Gvern Ċentrali bħalissa ghaddej bil-proċess ta' esproprijazzjoni ta' art sabiex tinfetaħ Triq Barthelemy għal ġo Triq iż-Żejtun.

5. **Kommunikazzjonijiet tas-Sindku**

5.1 Ma kienx hemm kommunikazzjonijiet tas-Sindku.

6. ***Reminder* mill-Enemalta biex il-Kunsill jissottometti pjanti għall-Bini ta' Uffiċċju Amministrattiv**

6.1 Il-Kunsillier Pomroy informa 'l Kunsill illi s-Sur Karl Camilleri, CEO tal-Korporazzjoni Enemalta, kien fakkru li l-Kunsill kien għadu ma ssottomettix pjanti u *costings* għall-bini ta' Uffiċċju Amministrattiv ġdid bil-fondi ta' madwar €250,000 li l-Kunsill ikun intitolat għalihom bħala *Planning Gain* jekk il-MEPA tapprova t-tkabbir tal-*Power Station* ta' Delimara. Il-Membri l-oħra tal-Kunsill pero' xtaqu li jistennew id-deċiżżjoni tal-MEPA qabel li l-Kunsill jieħu dan il-pass minħabba li din is-sottomessjoni tista' tiġi nterpretata bħala approvazzjoni tal-proġett min naħa tal-Kunsill.

7. **Tenders tat-Tindif tat-Toroq Urbani u Mhux Urbani**

7.1 Il-Kunsill approva li joħorġu sejħiet għal offerti għat-tindif tat-toroq urbani u ta' dawk mhux urbani. Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Viċi-Sindku sabiex tintalab rata ta' kull darba għat-tindif tax-Xatt, fost il-ġimgħa, mis-*centre strip* sal-baħar u tal-ġonna.

8. **Emendi Introdotti fl-Att Nru XVI tal-2009 – Bidu fis-Seħħ tal-Emendi (Att dwar il-Kunsilli Lokali)**

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma 'l Kunsill bl-emendi li bdew fis-seħħ mill-1 ta' Novembru 2009 u fisser uħud mill-miżuri l-ġodda li kienu nklużi fil-Memo 65/2009

9. **Approvazzjoni ta' Ħlasijiet**

9.1 Il-Kunsillier Pomroy, issekondat mill-Kunsillier Cassar, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati dawn il-ħlasijiet :

| | | € |
|---|---|---|
| Allied Newspapers | Riklam "Mir-Raħal tas-Sajjieda" | 51.68 |
| Anġlu Cutajar | Tindif tal-bandli tal-Maghluq u tindif tal-*litter bins* ħdejn | |
| | Binja Ħal Ġinwi Lulju, Awwissu u Sett 09 (X7) | 122.29 |
| Anġlu Cutajar | Tindif tal-bandli Ġnien Ġuże' Cassar,Ġnien il-Familja u | |
| | tindif tax-Xatt Lulju, Awwissu u Sett 09 (X20) | 512.40 |
| Anġlu Fenech | Boroż tal-plastik | 252.00 |
| Anġlu Grech (tal-Milord) | Konkos għall-*patching* ħdejn S Kristu17.07.09 ( 4457) | 173.46 |
| Anġlu Grech (tal-Milord) | Konkos tiswijiet madwar il-Pjazza 10.07.09 (4438) | 231.28 |
| Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali | Laqgħa għas-Sindki, 6 u 7 ta' Nov 09 | 190.00 |
| Benny Grech (Ta' Mikelina Café') | *Drinks* għall-bandisti 11.10.09 | 68.05 |
| Beta Centre | Żebgħa għall-uffiċċju | 40.34 |
| Beta Centre | Żebgħa għall-uffiċċju | 17.36 |
| Beta Centre | Żebgħa għall-uffiċċju | 71.92 |
| Carmen Scicluna | Ftuħ tal-Librerija Sett 09 (40hrs X €5.59/hr) | 223.60 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel 08.10.09 | 46.31 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel 30.10.09 | 40.00 |

| | | |
|---|---|---|
| Charlo Grixti | Għassa "Mir-Raħal tas-Sajjieda" 17.10.09 | 46.56 |
| Cleansing Services Dept | Kenniesa Sett 09 | 1206.97 |
| Cleansing Services Dept | Bulky Refuse Sett 09 | 274.25 |
| Cleansing Services Dept | Latrini Sett 09 | 606.18 |
| Cleansing Services Dept | Kiri ta' 15-il *litter bin* u ħlas ta' 9 *bins* misruqa | 450.08 |
| Cleansing Services Dept | Ftuħ tal-latrini 18.09.09 | 38.94 |
| Department of Fisheries | Lampuki għal "Mir-Raħal tas-Sajjieda" | 278.64 |
| Edric Micallef | Rigali għall-Kunsill ta' Morphou, Ċipru | 35.80 |
| Environmental Landscapes Consortium | Żamma tal-ġonna Sett 09 | 1030.75 |
| Environmental Landscapes Consortium | Żamma tal-ġonna Ott 09 | 1030.75 |
| Frans Camilleri | Ġbir ta' skart mid-dj ar Sett 09 | 3979.34 |
| Frans Camilleri | Skip, Fortizza tas-Silġ Sett 09 | 58.23 |
| GO | 21659555, Sett 09 | 24.99 |
| GO | 21652525, Sett 09 | 216.89 |
| GO | 21650937, Sett 09 | 56.36 |
| GO | 21652392, Kera Ottt 09 | 15.69 |
| GO | 21652218, Kera Ott u Nov 09 | 11.95 |
| Garden of Eden Garage | Trasport għat-tfal għall-Eden Cinema Paceville | 68.71 |
| Homemate | *Cupboard* | 25.00 |
| Intercomp | Tiswija tal-HP Laserjet Printer | 69.62 |
| J J Ironmongery | Kiri ta' 50 siġġijiet 11.10.09 (Banda Ingliża) | 16.50 |
| J J Ironmongery | Kiri ta' 60 siġġijiet - laqgħa tat-TCTC 28.10.09 | 16.50 |
| J J Ironmongery | Kiri ta' 21 mwejjed, 150 siġġijiet tal-PVC, u 50 siġġijiet tal-injam għal jumejn għal "Mir-Raħal tas-Sajjieda" | 230.88 |
| J J Ironmongery | 3 siġġijiet misruqin | 39.00 |
| Jason Gauci | *Mobile Cards* Ott 09 | 150.00 |
| Jason Gauci | *Mobile Cards* Nov 09 | 150.00 |
| Jason Gauci | Gazzetti Sett 09 | 80.68 |
| Jason Gauci | Gazzetti Ott 09 | 74.34 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | Mera u sinjali tat-traffiku | 163.70 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | Sinjali tat-traffiku | 176.32 |
| Leon Promotions | "Mir-Raħal tas-Sajjieda" Kunċert Freddie Portelli | 1150.00 |
| Leon Promotions | "Mir-Raħal tas-Sajjieda" *Floodlights* u *Generator* | 1160.00 |
| Leon Promotions | "Mir-Raħal tas-Sajjieda" Programm tal-Ħadd, 18.10.09 | 1150.00 |
| Leon Promotions | "Mir-Raħal tas-Sajjieda" Tieġ Tradizzjonali Malti | 1020.00 |
| Leon Promotions | "Mir-Raħal tas-Sajjieda" *PA System*u *Stage Lights* | 1135.00 |
| Leon Promotions | "Mir-Raħal tas-Sajjieda" *PA System* u *Stage Lights for secondary stage* | 910.00 |
| Leon Promotions | Nofs prezz għall-kunċert tas-Sibt u tqassim tal-*flyers* | 1125.00 |
| Leon Promotions | Kwartet *Firelight* u nofs prezz għall-*Greenfields* u *Mystic Folk Dancers* | 375.00 |
| Leon Promotions | *Bouncing Castle,* Grupp *Tama Tnabar* u duo u trio folkloristiku | 1145.00 |
| Leon Promotions | 40 bandisti tal-*Big Friends Guggen Musig* | 1090.00 |
| Leon Promotions | Kiri u armar ta' 20 arbli tal-festa u 12-il arbli tal-Granmastri u 8 festuni tal-Kavallieri | 980.00 |
| Leon Promotions | Kunċert ta' George Curmi (il-Puse') akkumpanjat minn *accordianist* Russu | 420.00 |
| Leon Promotions | Kiri, trasport armar u ħatt ta' żewġ palkijiet | 985.00 |

| | | |
|---|---|---|
| M.G. Pulis | Tiswija tal-pompa tal-ilma | 60.50 |
| Maltapost | Bolol | 76.00 |
| media.link | Riklam "Raħal is-Sajjieda" | 205.32 |
| mita | Wide Area Connectivity Ott - Diċ 09 | 477.58 |
| Neptune Pools Limited | Chlorine | 75.00 |
| Nexos | *Street lighting maintenance*Sett  u Ott 09 | 481.53 |
| Pawlu Borg | Bibita għall-parteċipanti "Mir-Raħal tas-Sajjieda" | 100.00 |
| Raymond's Ironmongery | 5 tankijiet għal *Litter Bins* | 34.96 |
| Schembri Concrete Blocks | 4 kaptelli | 41.25 |
| Smart Office Supplies | *Stationery* | 359.06 |
| Smart Office Supplies | *Inkjet cartridges* | 42.18 |
| Stardom | *Staffordshire Army Cadet Force Band* 11.10.09 | 150.00 |
| Valley Pet Shop | Qasrija | 29.50 |
| Valley Pet Shop | Bexx għal ħaxix ħażin | 39.60 |
| Valley Pet Shop | Bexx għal ħaxix ħażin | 19.80 |
| Waste Oils | Ġbir ta' żejt użat | 24.00 |
| Water Services Corporation | Dawl u ilma, Uff Amm 21.01.09-16.07.09 attwali | 458.78 |
| WasteServ | *Bring-in-Site Bins* Awwissu 09 | 296.59 |
| WasteServ | *Bring-in-Site Bins* Sett 09 | 287.02 |
| | **Total** | **€28567.98** |

Il-mozzjoni ġiet approvata nem.con.

**10. <u>Affarjiet Oħra</u>**

**10.1** Il-Kunsillier Pomroy tkellem rigward il-*bye-law* proposta dwar il-karrijiet u talab lis-Segretarju Eżekuttiv jistaqsi lid-Dipartiment tal-Artijiet x'ser isir mill-art ta' wara l-grawnd tal-futbol, li forsi setgħet tintuża bħala parkeġġ għall-karrijiet.

**10.2** Il-Kunsillier Pomroy talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jitlob lic-*Chairman* tal-MEPA, is-Sur Austin Walker, min ser ikunu l-benefiċjarji tal-€741,000 *Planning Gain* dovuti mill-Malta Freeport għall-permess tat-tħammil fil-Bajja ta' Marsaxlokk.

**10.3** Il-Kunsill approva għotja ta' rigal lis-Sur Arthur Ciantar bħala ringrazzjament tal-istudju li għamel u l-kummenti li ħejja f'isem il-Kunsill rigward l-EIS li sar dwar it-tkabbir tal-*Power Station.*

**10.4** Il-Kunsill approva wkoll għotja ta' rigal lis-Sinjura Censina Zahra talli toffri s-servizzi tagħha b'xejn meta tagħmel it-titqib kontra l-influwenza lir-residenti tar-raħal.

**11.** Il-laqgħa spiċċat fis-7.45 p.m. u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 17 ta' Novembru 2009.

**Stephen Caruana**
**Sindku**
**Data :**

**John Restall**
**Segretarju Eżekuttiv**